ŻEBBUĠ

**<u>Minuti</u> tas-Seduta Nru. 48/10**

**Iltaqa' fil-Bini tal-Kunsill Lokali Żebbuġ**

**Data: It-Tnejn, 29 ta' Marzu 2010**

**Ħin: Fil-5.30 ta' filgħaxija**

**Preżenti għall-laqgħa:-**

- **Is-Sur Carmelo Saliba – Sindku**
- **Is-Sur Joseph Bajada – Viċi Sindku**
- **Is-Sur Joseph Camilleri – Kunsillier**
- **Is-Sur Victor Refalo – Kunsillier**
- **Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva.**

Il-Kunsillier is-Sur Harry Debono kien skużat (ittra tal-Kunsillier Debono mehmuża mal-minuti bħala Dok. B).

Ippresjeda l-laqgħa s-Sindku Carmelo Saliba.

## 1. <u>TALBA</u>

Intqalet talba mis-Sindku u ngħata bidu għall-laqgħa.

## 2. <u>APPROVAZZJONI TAL-MINUTI</u>

**SEDUTA NRU. 47/10**

Billi l-minuti tas-seduta b' nru. 47/10 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li setgħa kien hemm għall-minuti.

Il-Viċi Sindku qal għal Ilwien ir-Rebbiegħa kien approvat is-servizz ta' fotografu – ritratti u *filming* tal-attivitajiet. Ittieħdet nota ta' dan fil-minuti.

Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti bil-korrezzjonijiet li saru u staqsa għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu.

Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati kif emendati u ffirmati.

**LAQGHA ANNWALI TAL-LOKALITA` 2010**

Billi l-minuti tal-Laqgħa Annwali tal-Lokalita` ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li setgħa kien hemm għall-minuti.

Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti kif ippreżentata u staqsa għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu.

Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

## 3. PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

**SEDUTA NRU. 47/10**

Dwar item 8 Il-Musical Għeruqna fiż-Żebbuġ u t-talba tal-Kunsillier Camilleri, is-Sindku qal din hija kwistjoni ta' sejħa għal kwotazzjonijiet.

Il-Kunsillier Refalo kkummenta dwar id-deċiżjoni tal-Kunsill fir-rigward tal-kont Ta' Pennellu Restaurant. Refalo talab lis-Sindku biex jerġa' jressaq il-kont għall-vot.

Is-Sindku ressaq il-kont Ta' Pennellu Restaurant għall-vot.

Favur – il-Viċi Sindku u l-Kunsillier Refalo
Kontra – Ħadd
Astensjonijiet – is-Sindku.
Sa dan il-ħin tal-laqgħa, il-Kunsillier Camilleri ma kienx preżenti.

Il-kont Ta' Pennellu Restaurant għadda għall-ħlas.

**LAQGHA ANNWALI TAL-LOKALITA` 2010**

Ma tqajjmux punti mill-minuti.

## 4. KORRISPONDENZA

**Applikazzjonijiet għal permess tal-Kunsill Lokali**

**Deċiżjonijiet meħuda mill-Kunsill Lokali**

Jeanette Grima
Biex ittella’ attivita’ għat-tfal
(*bouncing castles*, *face painting*, eċċ)
nhar l-4 ta’ April 2010 fil-Menqa ta’ Marsalforn. — Approvata.

Applikazzjonijiet għal *meter* tad-dawl temporanju ta’ Maria Homoki biex tarma *bouncy castle* bejn it-22 ta’ Ġunju u t-22 ta’ Settembru 2010 fil-Menqa ta’ Marsalforn. — Ma kienx hemm oġġezzjonijiet.

Applikazzjonijiet għal *meter* tad-dawl temporanju ta’ Brian Grech għal *street hawker* – pastizzeria bejn l-1 ta’ April u d-29 ta’ Lulju 2010 fi Triq il-Wied. — Rifjutata fi Triq il-Wied.

Sar il-qari ta’ din il-korrispondenza:

Ittra tal-Av. Simone Grech għan-nom ta’ Joseph u Angie Muscat dwar ħsarat fis-servizz tad-drenaġġ tar-residenza Dar il-Barka, Triq id-Duluri, Marsalforn. Il-Kunsill iddeċieda li jgħaddi kopja tal-ittra lill-Avukat tal-Kunsill.

Komunikat ta’ Transport Malta dwar il-proposta li l-Kunsill għandu biex issir *roundabout* fit-tarf ta’ Triq Sta. Marija.

Komunikat ta’ Transport Malta dwar it-talbiet biex isiru *parking bays* fi Triq il-Qbajjar u fi Triq Barda. Il-Kunsill ftiehem li l-Perit jintalab jagħmel *sketch*.

Memo tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar il-kuntratti ġodda għar-*resurfacing* ta’ toroq b’ sistema ta’ Public Private Partnership. Il-Kunsill qabel li japplika għall-kumplament ta’ Triq Sta. Marija, Triq Għar Qawqla u Triq il-Qbajjar.

Ċirkulari tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar attivita` għall-Jum Dinji tas-Saħħa.

Cirkulari tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar il-proġett tal-*aerobics* fil-Kunsilli organizzat mid-Dipartiment għall-Promozzjoni tas-Saħħa.

Ittra mibgħuta mill-GRTU fejn talbu laqgħa mal-Kunsill.

Ittra mibgħuta mill-Kumitat Konġunt tal-LES dwar tqassim ta’ fondi lill-Kunsilli Lokali.

## 5. <u>APPROVAZZJONI TAL-KONTIJIET</u>

Iċ-Ċedola tal-pagamenti – DOK A kienet approvata.

**Dawn il-pagamenti kienu approvati:**

Servizz mill-Chorus Unda Maris fil-quddiesa li saret għal
Jum iz-Zebbug fil-knisja San Pawl, Marsalforn
(Knisja ta’ San Pawl) — €150.00

| | |
|---|---|
| Bdil ta' *parts* tal-*photo copier* (Office Group Ltd) | €200.56 |
| Għal xogħol relatat mal-attivita` tal-Karnival (Kumitat Armar Santa Marija) | €250.00 |
| Spejjeż tal-uffiċċju (Smart Office Supplies Ltd) | €238.31 |
| Tabella tat-traffiku (Raphael Refalo) | €83.78 |
| Parteċipazzjoni fl-attivita' tal-Karnival (Christian Saliba) | €100.00 |

## 6. IL-PJAN TAL-ĦIDMA 2010 - 2012

Il-Pjan tal-Ħidma ma kienx diskuss peress li dan ir-Rapport ma kienx finalizzat.

## 7. IR-RAPPORT FINANZJARJU TA' L-UDITURI

Is-Segretarja Eżekuttiva poġġiet fuq il-Mejda tal-Kamra l-*financial statements* emendati u approvati mill-awditur għall-perjodu April – Diċembru 2009. Tqassmet kopja tal-*financial statements* lill-Kunsillieri preżenti. Il-Kunsill iddiskuta u approva b' vot unanimu l-*financial statements* Apr – Diċ 2009.

## 8. L-INGAĠĠ TA' SKRIVAN/A P-T

Il-Kunsill approva li l-bord tal-għażla għall-ingaġġ ta' skrivan/a p-t ikun magħmul mis-Sur Emmanuel Galea bħala c-*chairman* tal-bord u mis-Sur J M Attard u s-Sur Antoine Curmi. Il-Kunsill approva li l-bord jibda bix-xogħol tiegħu.

## 9. IL-KUNTRATT TAL-ĠBIR TA' L-ISKART IMĦALLAT

Il-Kunsill qabel li jagħmel sejħa pubblika għall-offerti għall-Kuntratt tal-ġbir ta' l-iskart imħallat.

Il-Kunsill iddeċieda li:

- l-ġbir tal-iskart tal-lukandi u r-ristoranti jkun eskluż minn dan il-kuntratt.
- l-iskart imħallat bieb bieb jinġabar erba' darbiet fil-ġimgħa, it-Tnejn, l-Erbgħa, il-Ġimgħa u s-Sibt.
- il-ġbir tal-iskart jibda fit-8.00am.
- l-erbatax il-*skip on wheels* ta' Marsalforn jitħallew għax-xhur minn April sa Settembru u jitbattlu kuljum u l-erbgħa taż-Żebbuġ jitħallew is-sena kollha u jitbattlu kuljum.

## 10. ILWIEN IR-REBBIEGĦA 2010

Il-Kunsill iffinalizza l-programm ta' Ilwien ir-Rebbiegħa.

Il-Kunsill approva:

- kwotazzjoni ta' Joe Cutajar għas-sistema tad-dwal - €675.
- kwotazzjoni tal-Power Sound għas-servizzi tal-PA System - €1,144.60.
- kwotazzjoni ta' Joseph Mercieca għal servizz ta' fotografu - €575.
- jitwaħħlu antarjoli u festuni fi Pjazza l-Assunta mill-Kumitat Armar Santa Marija.
- jippreżenta Ilwien ir-Rebbiegħa u ċ-ċerimonja ta' Jum iż-Żebbuġ is-Sur Joe Vella - €300 u l-akkomodazzjoni mill-Ġimgħa filgħaxija sal-Ħadd.
- jikkoordina l-attivitajiet is-Sur Noel Said.
- jitqassam programm ta' l-attivitajiet f' kull residenza f' Għawdex.

## 11. JUM IŻ-ŻEBBUĠ 2010

Il-Kunsill iddiskuta fit-tul il-programm ta' attivitajiet għal Jum iż-Żebbuġ.

Dwar il-ħarġa tal-anzjani, ser ikunu mitluba jħallsu €10 kull wieħed.

## 12. AFFARIJIET OĦRA

Is-Sindku ippropona:

1. ''Wara l-esperjenza li l-Kunsill u l-Għaqdiet mill-lokalita` kellna mal-Kunsill Lokali tal-Imqabba, fejn il-ħiliet pirotekniċi tal-lokalita` tagħna għamlu kambjamenti u qasmu esperjenzi sbieħ flimkien kemm waqt il-festi ta' 'Ilwien ir-Rebbiegħa' kif ukoll waqt il-festa ta' Santa Marija li ġew iċċelebrati fir-raħal tagħna taż-Żebbuġ kif ukoll kellna x-xorti li l-korijiet tal-parroċċa tagħna 'Santa Marija' u 'Regina Angelorum' tellgħu programm ta' kant sagru fil-Knisja Parrokkjali tal-Imqabba dan kollu s-sena l-oħra 2009. Il-Kunsill Lokali taż-Żebbuġ imlaqqa' llum it-Tnejn 29 ta' Marzu 2010 jipproponi biex isaħħaħ din il-ħbiberija reċiproka billi jiffirma Patt ta' Ħbiberija bejn iż-żewġ Kunsilli u li l-ewwel firma issir nhar it-28 ta' April 2010 waqt iċ-ċerimonja ta' Jum iż-Żebbuġ bejn is-Sindki Carmelo Saliba u Noel Galea bil-Viċi Sindki Joe Bajada u Charles Farrugia xhieda.

2. Wara l-esperjenza li kellna fejn dawwalna Triq il-Knisja fiż-Żebbuġ b' fanali sbieħ u li jiffrankaw l-enerġija mill-fond tal-U.I.F. nutilizzaw dawn il-flus billi nkomplu nestendu dan it-tisbieħ fir-raħal tagħna u parti minn Triq il-Madonna taċ-Ċiċri, Triq l-Għażżiela kif ukoll parti minn Triq Għajn Mhelhel nagħmluhom b' din is-sistema. Għalhekk nipproponu li nagħmlu stima biex inkunu nistgħu nwettqu dan il-proġett.

3. Wara l-esperjenza li kellna fejn dawwalna Triq id-Duluri, Triq l-Isqof Pace, Triq il-Plejju u parti minn Triq il-Munġbell ġewwa Marsalforn b' fanali sbieħ u li jiffrankaw l-enerġija mill-Fond U.I.F. nutilizzaw parti minn dawn il-flus billi nestendu dan it-tisbieħ u nagħmlu Triq Santa Marija b' din is-sistema. Għalhekk nipproponu li nagħmlu stima biex inkunu nistgħu nwettqu dan il-proġett.

4. Biex Triq Ta' Ħabel it-Twil tiġi rranġata u niksuha bil-konkos jew bil-*hot asphalt* liema l-aktar li jkun jaqbel''.

Kien hemm qbil għall-proposti mressqa mis-Sindku.

Il-Kunsill approva dawn ix-xogħlijiet:

- it-traqqiegħ ta' ħofra fi Triq Sta. Marija, kif iddur għall-*promenade* – ilment 10/2010.
- it-traqqiegħ ta' Triq il-Qolla s-Safra u t-Triq tal-Ħamra – ilment 11/2010.
- livellar ta' konkos mitfugħ fi Triq ix-Xwejni, it-triq tas-salini.
- it-tiswija ta' bank miksur fil-*belvedere* ta' Triq Mons. Ġużeppi De Piro; jagħmel ix-xogħol Mario Vella.
- it-twaħħil ta' *railings* maqlugħ fi Triq Mons. Ġużeppi De Piro.
- il-bdil ta' mera tat-traffiku miksura fi Triq Għajn Mhelhel faċċata ta' Triq Żaki.
- sitt bankijiet għall-*promenade* ta' Marsalforn; nordnawhom għand Paul Caruana.

Il-Kunsill iddeċieda li japplika ma' Transport Malta biex isiru *double yellow lines* quddiem ir-rampa u t-taraġ ta' Qbajjar Restaurant – ilment 12/2010.

Is-Segretarja Eżekuttiva għarrfet lill-Kamra li Ġanni Cini kien infurmaha li daqs ħamsin metru *railings* li kienu lesti għall-*galvanizing* imtlew kollha sadid u issa biex jiggalvanizzawhom hemm bżonn jinbarxu u jitneħħa s-sadid li fihom. Is-Sindku qal dawn l-ispejjeż żejda, nitolbuhom lill-Kumitat li kien waqqafna milli nkomplu bix-xogħol fuq dawn ir-*railings* ġodda.

Dwar ix-xogħol tal-injam għall-berġa, ġie deċiż li jinġab avviż fin-*newsletter* tal-Kunsill biex il-mastrudaxxa nteressata fix-xogħol jinkitbu l-Kunsill. Dwar it-tieqa tal-berġa, is-Sindku qal din it-tieqa ser tinfetaħ bieb. Dwar l-aċċessorji għall-berġa bħal *sinks*, madum, *geyser* eċċ, ġie deċiż li tintalab stima tal-ispejjeż.

Il-Kunsill approva:

- x-xiri ta' tlett arbli tal-bnadar tal-i*stainless steel* għall-attivitajiet tal-Kunsill (għaxar filati b' żewġ pulzieri).
- x-xiri ta' *safety jackets* għall-ħaddiema.

Il-Kunsill ftiehem li għal Ġunju 2010 jagħmel żjara lill-President ta' Malta.

## 13. AĠĠORNAMENT

Il-Kunsill Lokali aġġorna fid-9.00 ta' filgħaxija għal nhar it-Tlieta, 20 ta' April 2010 fil-5.30 ta' filgħaxija.

**Carmelo Saliba CLJ MMLJ** — ***Sindku***

**Diane Tagliaferro** — ***Segretarja Eżekuttiva***

**Dok. A**

**Seduta Nru. 48/10**

## Ċedola tal-Pagamenti

| | |
|---|---|
| Ġbir ta' l-iskart domestiku u tbattil u tindif ta' l-i*skips* – Frar 2010 (Louis Attard) | €3,613.97 |
| Ġbir ta' *bulky refuse* u tindif u żamma tal-latrini ta' Marsalforn – Jannar – Frar 2010 (Dipartiment ta' l-Indafa Pubblika) | €1,143.35 |
| Tindif u żamma tal-*playing field* u l-*promenade* tal-Qbajjar – Frar 2010 (John Zammit) | €116.77 |
| Tħawwil ta' tmien siġriet tal-bruk fil-*promenade* tal-Qbajjar u ta' Marsalforn (John Zammit) | €80.00 |
| Sapport għal sitt siġriet fil-*promenade* tal-Qbajjar (John Zammit) | €36.00 |
| Tindif u żamma tal-latrina pubblika taż-Żebbuġ – Frar 2010 (Nancy Cefai) | €143.84 |
| Konsum u kera tal-linja tal-fax (GO) | €23.11 |
| Żebgħa għal Marsalforn u siment għall-kisi tal-bankina fi Triq iż-Żebbuġ (Joseph Caruana Co Ltd) | €143.16 |
| Siment u mattonċina għal bankina fi Triq il-Kappillan Franġisk Vella (JCR Ltd) | €54.55 |
| Gazzetta tal-Gvern għas-sena 2010 (Dipartiment ta' l-Informazzjoni) | €172.37 |
| Spejjeż tal-uffiċċju (Smart Office Supplies Ltd) | €61.81 |
| *Domain* u *hosting* tal-*website* tal-Kunsill Lokali u *uploading* tal-minuti u tal-avviżi (Gozo Vision Studio) | €245.00 |
| Żebgħa u pniezel għal Marsalforn – Beach Cleaning Section (Dominic Department Stores Ltd) | €427.41 |
| Servizzi ta' ġarr ta' flus – Frar 2010 (Group 4S Security Services Ltd) | €22.83 |
| Tiġdid tal-poloz tal-assikurazzjoni 2010 - 2011 (Laferla Insurance Agency Ltd) | €1,162.85 |

Kiri ta' *hi-up* għal xogħlijiet ta' manutenzjoni fil-bajjiet ta' Marsalforn u tal-Qbajjar – sajf 2009 (Peter Paul Said) €224.00
Kiri u tbattil tal-*bins* tal-*bring-in site* – Frar 2010
(WasteServ Malta Ltd) €267.88
Ħlasijiet dovuta għal rimi ta' skart fil-miżbla – Frar 2010
(WasteServ Malta Ltd) €978.68
Kiri ta' *floodlights* – Festa San Pawl u attivita' tal-Karnival 2010
(Joe Cutajar) €300.00
Parteċipazzjoni fl-attivita' tal-Karnival 2010
(Josephine Farrugia) €100.00
*Parts* għall-brazzi l-ġodda tal-fanali ta' fuq iz-zuntier tal-Knisja ta' Marsalforn
(E. Calleja & Sons Ltd) €600.15
Spejjeż legali (Dr Angele Formosa) €50.00
Trasport tat-tfal ta' l-iskola primarja – Jannar – Frar 2010
(Felix Cini) €134.56
Servizz ta' minibus – attivita' għall-anzjani 09-02-2010
(Felix Cini) €20.00
Laħam – attivita' tal-Karnival 2010
(Teddy Cefai) €65.70
Provvista ta' lanterni dekorattivi għal Triq id-Duluri u Triq l-Isqof Pace
(Richard Cauchi) €16,407.60
Installazzjoni ta' lanterni dekorattivi fi Triq id-Duluri u Triq l-Isqof Pace
(Richard Cauchi) €2,316.10
Installazzjoni ta' lanterni dekorattivi fi Triq il-Knisja
(Richard Cauchi) €501.10
Provvista ta' erba' lanterni dekorattivi għal Triq il-Knisja u tiswija ta' lanterna fi Triq il-Knisja (Richard Cauchi) €4,172.51

22 ta' Marzu 2010